TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 314/10

**Jeffrey Gauci**

**vs**

**Burmarrad Tyre Services Ltd.**

Illum 16 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 t'Awwissu , 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija u tnax-il ewro u ħamsin ċenteżmi (€112.50), rappreżentanti prezz ta' tyre li wara ġimgħa dan infaqa'.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara sett tyres mingħand id-ditta intimata u wara ftit ġimgħat infaqa' tyre minnhom.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi t-tyre infaqa' minħabba li r-rikorrenti jew daħal f'xi ħofor jew għamel użu ħażin mit-tyres bil-konsegwenza li dawn kellhom ukoll bżieżaq.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li ra r-ritratti u wara li sema' lill-partijiet, jinnota li l-verżjoni tas-soċjeta' intimata hija kredibli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888